

Brussell, 6 ta' Ottubru 2025
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0290 (COD)

13337/25
ADD 1

CODEC 1377
MI 697
ENT 188
CONSOM 190
SAN 580
COMPET 930
CHIMIE 89
ENV 904

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Awstrija

L-Awstrija tappoġġa l-oġġettiv li jittejjeb aktar il-livell għoli stabbilit ta' protezzjoni permezz tar-riforma sħiħa tad-Direttiva dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli (2009/48/KE), b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni minn kimiki perikolużi u infurzar aktar effettiv. L-Awstrija tilqa' l-konverżjoni f'Regolament, l-introduzzjoni ta' passaport diġitali tal-prodott għall-ġugarelli, u r-referenza espliċita għall-obbligi tal-operaturi tas-swieq online.

Madankollu, jeħtieġ jiġi nnutat li t-test ta' kompromess ma jindirizzax b'mod adegwat it-tħassib sostanzjali tal-Awstrija rigward l-infurzabbiltà u ċ-ċertezza legali tad-dispożizzjonijiet:

- L-Awstrija tantiċipa piż amministrattiv sinifikanti u spejjeż addizzjonali għan-negozji u l-awtoritajiet li jirriżultaw minn ċerti dispożizzjonijiet proposti, mingħajr titjib sostanzjali korrispondenti fil-livell attwali ta' protezzjoni. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet dwar is-saħħa mentali u l-projbizzjoni ġenerali fuq kimiki perikolużi jagħtu lok għal inċertezzi legali sostanzjali u għal sfidi prattiċi serji għall-infurzar mill-perspettiva tal-Awstrija.
- Barra minn hekk, it-tneħħija tal-perjodu ta' likwidazzjoni fl-Artikolu 57 ser jirriżulta f'sistema doppja ta' prodotti fis-suq, xi wħud b'passaport diġitali tal-prodott u oħrajn mingħajru. Dan ser joħloq sfidi sinifikanti għas-sorveljanza tas-suq u jikkumplikaw l-infurzar uniformi u legalment sod għar-Regolament fil-prattika.

Minħabba dan it-tħassib, l-Awstrija ser tastjeni mill-vot finali.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tevalwa regolarment u sistematikament l-okkorrenza ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-ġugarelli, filwaqt li tqis l-evidenza xjentifika disponibbli, bil-ħsieb li tadatta l-valuri ta' limitu jew il-kundizzjonijiet għall-preżenza ta' sustanzi jew taħlitiet kimiċi speċifiċi fil-ġugarelli f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament 2025/... dwar is-sikurezza tal-ġugarelli. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni se titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar is-sikurezza tan-nitrożammini u tas-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli, fid-dawl tal-esponiment ġenerali, fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għall-istess skop, il-Kummissjoni se titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar is-sikurezza taċ-ċomb, tal-kadmju, tal-merkurju u tal-kromu VI fil-ġugarelli, fid-dawl tal-esponiment ġenerali, fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.